# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

### ***Laqgħa numru 50***

***5.30p.m  13 ta' Settembru 2022***

### ***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### ***Assenti b'Apoloġija***

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier

### ***Assenti***

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *50.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

50.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## *50.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

50.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 49. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

50.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li t-tender biex jiġi msebbaħ Ġnien Spencer għalaq u qiegħed fil-proċess t'evalwazzjoni. Ix-xogħol mistenni jibda mill-ewwel u jitlesta sa nofs is-sena d-dieħla. Apparti hekk ser ikun hemm maintenance agreement li jdum għall-perjodu ta' ħames snin u ser ikun hemm tħawwil ta' pjanti indiġeni li hemm minnhom li kienu jiklbru fil-Marsa biss. Il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb biss it-tindif tal-ġnien u t-tbattil tal-bins. Is-Sindku spjega li fil-ġnien ser ikun hemm l-emblema tal-Kunsill Lokali tal-Marsa u fl-art ser ikun hemm heritage trail bl-istorja tal-lokalita'.

50.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra suggerimenti ta' żewġ residenti dwar it-tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku min Triq Saura. Kien hemm qbil fost dawk preżenti li filwaqt li japprezzaw is-suġġerimenti tar-residenti, jemmnu li l-Kunsill għandhu jibqa bid-direzzjonijiet maqbula fl-laqgħat preċedenti peress li dawn kellhom anke l-gwida professjonali tal-perit.

50.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li l-kumpanija ta' Falzon għamlet applikazzjoni mall-Planning Authority sabiex issir il-ħażna tal-biofuels PA/03248/22. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa bħalma dejjem għamel qed jopponi permezz ta' objection uffiċjali. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li apparti hekk il-post imsemmi jgħamel parti min post li huwa skedat għar-riġenerazzjoni u fit-talba huwa imsemmi li ser ikun qed jieħu art ġdida.

## *50.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

50.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa jekk il-Kunsill huwiex interessat li ssir Clean Up Day. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li bħalissa hu personalment mimli b'ħafna attivitajiet marbutin mall-Belt Kulturali 2022 u jħeġġeġ u lest li jagħti s-support kollu kemm-il darba l-Kunsillier lest jidħol għaliha.

50.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm tabelli mall-faċċata tat-Top Gun li huma mgħawġin, sprall li tttieħdet u huwa importanti li ninfurmaw il-Pulizija mmedjatament u hemm bollard mgħawweġ fi Triq Nerik Sacco ma Isouard. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsiebhom.

# *50.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 09/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *50.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

50.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lil dawk preżenti li din is-sena hija l-mitt sena mit-twelid ta' Patri Donat Spiteri u biex jitfakkar dan ir-Rev Dr Martin Micallef qed jikteb il-bijografija tiegħu. Din ser tiġi mnedija nhar il-11 ta' Novembru 2022. Għalhekk peress li din is-sena hija s-sena fejn il-Marsa hija Belt Kulturali qed jistaqsi jekk il-Kunsill b'kollaborazjoni mall-Kunsill Lokali ta' San Gwann jistgħax jgħin fit-tnehdija tal-ktieb fejn l-ispiża totali hija ta €2,400. Il-preżentazzjoni ta' dan il-ktieb ser isir fil-Kon Katidral ta' San Gwann. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk huwiex permessibbli li Kunsill joħroġ fondi hekk u dwar il-possibilita' li jkun hemm l-emblema tal-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk dan ikun legalment possibli li l-Kunsill jgħin għat-tnedhija tal-ktieb dan ser jagħmlu. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

50.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal fl-okkazjoni tal-mitt sena mill-mewt tal-benfatturi tal-Paroċċa tas-Ssma. Trinita' ser jiġi ppublikat fuljett mill-istess parroċċa. Il-Kappillan qed jistaqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat li jagħmel dan ir-reklam għall-prezz ta' €80. Il-Kunsillier is-Sutr Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

# *50.7 Update – Attivitajiet Belt Kulturali;*

50.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jgħati dettalji tal-attivita' ta' Settembru. Il-Kunsillier spjega li qed isir ħafna xogħol ta' preparazzjoni. Huwa

rringrazzja l-għajnuna tal-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri li bil-għajnuna tiegħu ser ikun possibli li jinħaraq in-nar mill-Marsa tal-Ingliżi, filwaqt li ntlaħaq kompromess mall-għaqdiet kollha tal-lokal li ser ikunu nvoluti kollha. Il-vari ser ikunu qed joħorġu mis-6.45p.m f'żewġ purċissjonijiet separati u jidħlu fi Pjazza Magri fejn hemm tibda l-Quddiesa solenni bl-istatwi faċċata ta' xulxin. Il-baned ser ikunu qed jingħaqdu għall-Innu tal-Marsa li ser jiġi varat għall-okkazjoni. Il-ħlasijiet ser ikunu €7,000 għal kull għaqda tal-festi esterni, €1,900 lil kull banda, €500 għall-Iscouts u €400 oħra għall-repo' mill-Iscouts, apparti ħlasijiet relatati mas-sigurta' tal-attivita mill-Pulizija extra. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti dwar x'jista jingħata liż-żewġ parroċċi bħal pjaneta jew digital painting tal-okkazjoni. Wara li ħadd mill-Kunsilliera ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

50.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fis-16 t'Ottubru ser ikun hemm reanactment quddiem il-Knisja ta' Marija Reġina, b'karozzi u trakkijiet ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Apparti hekk il-Kunsill ser ikun qed jinbidel f'Mużew t'armamenti. Il-qofol tal-attivitajiet ser jintlaħaq bejn l-4.00pm u l-5.00p.m fejn il-baned iduru mall-lokalita' flimkien mall-Iscouts u jasal il-George Cross propju fil-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer isseskonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.8 Attivitajiet ta' Diċembru;*

50.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul ix-xahar ta' Diċembru ser ikun hemm ħafna attivitajiet ppjanati mill-Kunsill hekk kif ser jintlaħaq il-finali tas-Sena Belt Kulturali 2022. Huwa ppjanat li jerġa jsir il-parade biż-żeffiena bħalma sar is-sena l-oħra, ser isir l-Vintage Bus li laħaq ħafna nies fil-periferija tal-lokalita', ser ikun hemm it-terramaxka, party għat-tfal li jinkludi train ride, l-ikla tal-Milied, ħarġa għall-familji f'Betleħem t'Għajnsielem Għawdex u fi Christmas Under the Bridge ikun hemm ġurnata ddedikata għall-Marsa u l-Marsin. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.9 Espressjoni t'Interess – Tisqif ta' Diċembru 13;*

50.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li punt importanti tal-manifest elettorali tal-Gvern huwa t-tisqif ta' Diċembru Tlettax. Huwa jixtieq li toħroġ sejħa t-interess min artisti u periti, mill-MCAST u l-Universita' ta' Malta kif ukoll min periti t'Infrastructure Malta. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jerġa jkellem lis-Sur Torpiano li bl-istudenti tiegħu għamel sketch tar-riġenerazzjoni tal-Menqa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ressaq fuq il-mejda tal-kamra mappep u visuals tal-proġett tat-tisqif ta' Diċembru Tlettax. Is-Sindku żied jgħid li dawk il-periti li jkunu iridu jagħmlu viżwal tal-proġett, il-Kunsill ikun jista juri dawn il-mappep lil min huwa nteressat. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.10 Deċiżjoni dwar il-bidla fil-kuntrattur tal-manutenzjoni tal-ġonna*

50.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġimgħat huwa avviċina lill-kuntrattur tal-ġonna minħabba li ma kienx kuntent bil-livell ta' servizz li kien qed jingħata fil-ġonna tal-lokalita'. Wara perjodu qasir ta' riflessjoni dwar dak li l-Kunsill qiegħed jistenna mill-kuntrattur, huwa ddeċieda li joħroġ mill-kuntratt. Peress li l-perjodu tat-tender għadu m'għalaqx il-Kunsill huwa marbut li jagħżel it-tieni l-aħjar offerta li hija dik tal-A Parks limited. B'hekk is-Sindku qed jitlob lill-Kunsilliera biex jintgħazel dan il-kuntrattur. Wara li ħadd mill-Kunsilliera ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.11 Estensjoni Day Care Centre sa massimu ta' Frar 2024*

50.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill ġie mitlub mid-diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jitlob għall-estensjoni tal-proġett tad-Day Care Centre billi tgħaddi mill-approvazjoni tal-Kunsill. Dan ikun qed jipprevedi li jekk il-proġett idum iktar mis-sena d-dieħla xorta jkun qed jinżammu d-dati tal-proġett. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *50.12 Riżultati Finanzjarji Q2 2022*

50.12.1 Din it-tema ser terġa titla' fis-seduta li jmiss.

## *50.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

50.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għall-11 t'Ottubru fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv